MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 718/2014

**Greenlines Environmental Services Limited (C14868)**

**Vs**

**Condominium Services Limited (C39139) u b'digriet ta' nhar l-01 ta' Dicembru, 2014 gie kjamat in kawza Bugeja Daniel ta' 48, Valentine, Triq Karmenu Vassallo, Iklin.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta' attrici, pprezentat fl-24 t'Ottubru, 2014 li permezz tieghu ppremettiet illi:

Is-Socjeta' 'ntimata hija d-debitrici tas-Socjeta' rikkorenti Greenlines Environmental Services Limited ( C-14868) fis-somma ta' erba' mija u sittax-il ewro u erbgha u erbghin centezmi (€416.44c), rapprezentanti in kwantu servizzi rezi lis-Socjeta' 'ntima fuq rikjesta taghha stess

ghall-perjodu ta' bejn April, 2013 u Awwissu, 2013 skont l-istatement of account anness bhala 'Dok GES A'.

Illi l-intimati gew interpellati ghal hlas diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali u mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap12. (Dok GES B) izda l-ammont baqa' ma thallasx u ghadu s'issa dovut.

Ghaldaqstant is-Socjeta' rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara li s-Socjeta' 'ntimata hija d-debitrici tar-rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' erba' mija u sittax-il ewro u erbgha u erbghin centezmi (€416.44c);

2. Jordna lis-Socjeta' 'ntimata sabiex thallas lis-Socjeta' rikorrenti l-imsemmi ammont ta' erba' mija u sittax-il ewro u erbgha u erbghin centezmu (€416.44c)

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji inkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, 'nkluz l-ispejjez kollha tal-ittra ufficjali msemmija u bl-imghaxijiet legali mid-dati ta' meta kellu jsir il-pagament sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap 13.

Ra r-risposta tas-Socjeta' konvenuta datata 18 ta' Novembru, 2014 fejn ippremettew illi:

1. Is-Socjeta' konvenuta kienet tagixxi bhala amministratur kondominjali ai termini tal-Kap 398 tal-Ligijiet ta' Malta tal-kondominju maghruf bhala Star Complex;

2. Illi s-Socjeta' konvenuta m'ghadhiex tamministra dan il-condominium u llum l-amministratur huwa Daniel Bugeja;

3. Illi ghalhekk is-Socjeta' konvenuta mhix il-legittimu kontradittur stante li l-amministratur huwa Daniel Bugeja;

4. Illi s-servizzi prokurati minghand is-Socjeta' attrici saru in konnessjoni mal-partijiet komuni tal-fond u ghalhekk ghandhom jithallsu mill-amministratur attwali li jiggestixxi l-kondominium fund;

Ghaldaqstant, ebda ammont ma hu dovut mis-Socjeta' konvenuta lis-Socjeta' attrici.

Ra r-rikors tas-Socjeta' konvenuta datat 27 ta' Novembru, 2014 illi fuq talba tal-istess gie kjamat in kawza Daniel Bugeja bhala l-legittimu kontradittur, liema talba giet milqugha mit-Tribunal.

Ra n-nota tal-legittimu kontradittur Daniel Bugeja datata 13 ta' Jannar, 2014 fejn qed jammetti t-talba fl-ammont ta' erba' mija u sittax-il ewro u erbgha u erbghin centezmi (€416.44c) kif ukoll l-ispejjez tal-prezentata tal-ittra ufficjali ai termini tal-Art 166A tal-Kap 12 kif ukoll l-ispejjez tar-Registru ta' dawn il-proceduri.

**Decide**

Ghalhekk t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa it-talba fis-somma ta' erba' mija u sittax-il ewro u erbgha u erbghin centezmi (€416.44c), bl-ispejjez gudizzjarji kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali msemmija u bl-imghaxijiet legali hekk skont kif mitluba fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------